# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 862/2015/VG**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited [C-8692]**

**Vs**

**John BUGEJA [ID. Nru. 328766M] u**
**SJ Catering Limited [C-21968]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallasuha s-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro [€531] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-hlas ta' hames mija, wiehed u tletin euro (€531) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta rikorrenti lill-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 819/2015 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AMS 01), kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament".

Ra li l-intimati gew debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqghu ma resqu l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Marvin Sapiano, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ra li Dr. Thea Saliba ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro [€531] rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta rikorrenti lill-intimati.

Ikkunsidra;

2. Marvin Sapiano, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimati gew debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro [€531] bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija mibjugha sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 819/15, huma a kariku tal-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**